**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Spettur Robert Vella**

**vs**

**Mohamed Abdelmawla**

**Distrett Rabat**

**Illum 28 ta' Mejju, 2019**

Il-Qorti,

Rat lil Mohamed Abdelmawla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 106732(A);

Akkuzat talli nhar il-21 ta' Lulju, 2018, ghall-habta tal-4:05 ta' filghodu, gewwa l-limiti ta' Haz-Zebbug, Malta:

1. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Infermier Charlton Caruana (Med. Reg. no. 3682) hekk skond ma gie ccertifikat minn Dr. Carlo Refalo M.D. (Reg. No. 3235) mill-isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna tal-Infermier Charlton Caruana (Med. Reg. No. 3682), persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Infermiet Charlton Caruana (Med. Reg. No. 3682), persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz

pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsb f'sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnfisu, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra n-nies u dan bi ksur tal-Artikolu 339(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel ingurji u theddid lill-Infermier Charlton Caruana u lil persuna jew persuni ohra b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija Ezekuttiva waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u cioe', l-Infermier Charlton Caruana jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offizi u l-familja taghhom ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioè affidavit ta' Godwin Farrugia, email immarkat bhala Dok MS1, affiadvit ta' Dr. Carlo Refalo mmarkat bhala Dok RV1, affidavit ta' Simeone Zerafa mmarkata bhala Dok RV2, personal record sheet ta' Godwin Farrugia mmarkata bhala Dok SZ1, personal record sheet ta' Aldo Attard immarkata bhala Dok SZ2, persona record sheet ta' Charlton Caruana mmarkata bhala Dok SZ3, current incident report datat 21 ta' Lulju, 2018, certifikat mediku rilaxxjat lil Abdel Mawla Mohamed, certifikat mediku rilaxxjat lil Charlton Caruana, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali, stqarrija rilaxxata fil-21 ta' Lulju, 2018, fedina penali tal-imputat, fotokopja tal-permess ta' residenza tal-imputat, kopja tal-applikazzjoni ghal permess ta' residenza tal-imputat.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Dr. Michael Spiteri.

**Godwin Farrugia**, kien ix-xufier tal-ambulanza GVH 275 li fl-20 ta' Lulju, 2018 mar fuq talba ghall-assistenza gewwa l-istabbiliment Gianpula, r-Rabat, izda hekk kif wasal fuq il-post, sab li diga' kien hemm ambulanza li kienet ghabbiet lil pazjent u kien hemm l-infermier Charlton Caruana fuq dik l-ambulanza. Godwin Farrugia ra lil Mohamed Abdelmawla jargumenta mal-infermier Charlton Caruana u anke mbuttah. Ghalhekk huwa nizel mill-ambulanza u mar hdejn Charlton Caruana biex jara x'kienet il-problema. Mohamed Abdelmawla agredixxa lil Godwin Farrugia u anke pprova jagedixxi lil Aldo Attard li kien fl-ambulanza ma Godwin Farrugia. Il-pazjent li kien mal-art ma setax jintlahaq mill-infermiera ghaliex Mohamed Abdelmawla kien qed jimpedihom milli jersqu lejh. Mohamed Abdelmawla ried li l-infermiera idewwuh u jaghmlulu l-punti fuq xuftejh gewwa l-ambulanza, u wara jwassluh id-dar, izda l-

infermiera ma setghux jaghmlu hekk. Mohamed Abdelmawla sar iktar aggressiv, qabad gebla u waddab il-gebla fid-direzzjoni tal-infermiera, liema gebla ghaddiet bi zbrixx minn mal-ambulanza izda ma ghamlet l-ebda hsara. Dak il-hin, l-infermiera rnexxielhom izommu lil Mohamed Abdelmawla sakemm gew il-pulizija tal-RIU. Il-pazjent li kien mal-art, sadanittant qam u telaq. Mohammed Abdelmawla gie mghobbi fuq l-ambulanza u ttiehed l-isptar. Gewwa l-ambulanza kien immanetjat u akkumpanjat mill-pulizija.

**Dr. Michael Spiteri**, bhala l-kap tad-dipartiment tal-ambulanzi kkonferma li ma saret l-ebda hsara fuq l-ambulanza li rrikorriet fuq il-post sabiex taghti l-ghajnuna taghha nhar il-21 ta' Lulju, 2018.

**Dr. Carlo Refalo,** jghid li fil-21 ta' Lulju, 2018 ezamina lil Charlton Caruana wara li huwa allega li qala daqqa ta' ponn f'wiccu. Huwa kellu ugiegh fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu u ghalhekk ittiehed x-ray tax-xedaq li rrizulta li kien normali. Il-griehi gew ikklassifikati bhala hfief salv kumplikazzjonijiet li jistghu jinqalghu.

**Simeone Zerafa**, huwa Manager Human Resources fl-isptar Mater Dei u jikkonferma li Charlton Caruana, Aldo Attard u Godwin Farrugia huma mpjegati fl-isptar Mater Dei. Charlton Caruana huwa infermier filwaqt li Aldo Attard u Godwin Farrugia huma Emergency Ambulance Responders.

Rat li fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2019 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet.

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2019, l-imputat ghadda tmien mitt ewro (€800) lill-parte civile Charlton Caruana ghas-saldu bhala kumpens ghad-danni li sofra.

Rat li fl-istess seduta tat-28 ta' Mejju, 2019, il-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni (2) akkuza.

**Ikkunsidrat:**
Illi l-Qorti wara li semghet l-ammissjoni ta' l-imputat u wara li rat li l-impuat hallas id-danni kollha waqt is-seduta tal-lum lill-parti ingurjata ma thossx li jkun idoneju li huwa jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva f'dan l-istadju.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti u wara l-ammissjoni tal-imputat Mohamed Abdelmawla stess tal-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet, il-Qorti ma ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati taghhol u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommetti l-ebda reat iehor ghal tmintax (18)-il xahar mil-lum.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**